


# Imfakkar tlett ġganti tal-arti fir-Razzett tal-Markiż – Agostino, Esprit u Antoine

*Mario Bugeja - Segretarju tal-arti Maltija fir-Razzett tal-Markiż*

F'dan l-annwal tassew informattiv u nteressanti, se nislet mid-djarju ta' l-Għaqda Filantropika Talent Mosti, dawk l-esperjenzi maġiċi li għaddiet minnhom l-għaqda matul is-Sajf 2009. Kienu attivitajiet li permezz tagħhom komplew għollew 'il fuq l-isem sabiħ tar-Razzett tal-Markiż li hu fuq kollox, ċentru ta' Kultura Nazzjonali. Għalihom attendiet udjenza akkoljenti li kienet tikkonsisti fil-pubbliku ġenerali, membri u ħbieb ta' l-Għaqda u mistiedna distinti. Bis-saħħa ta' dawn l-inizzjattivi, Talent Mosti għal darba oħra kellu l-okkażjoni li juri professjonalita' u mpenn. Fuq kollox kienu attivitajiet edukattivi u ta' divertiment kulturali.

## SERATA MUŻIKO – LETTERARJA

Nhar is-Sibt 4 ta'Lulju, ħabat preċiżament għeluq it-30 sena anniversarju mill-mewt ta' Agostino Camilleri (1885-1979), iben dehen tal-gżira Għawdxija. Dan l-istatwarju ta' ħila u isem, ġie mfakkar permezz ta' tlett inizzjattivi. Bdejna billi organizzajna serata mużiko – letterarja f' ġieħu u li għalija bħala mistieden speċjali kellna fostna lill-E.T. il-Profs. Guido de Marco – President Emeritus ta' Malta. Taw is-sehem utli tagħhom, il-qarrejja Theresa Gauci, Joe Vella u Ġorġ Peresso, waqt li l-interventi mużikali kienu f'idejn is-Soprana Sandra Farrugia u l-organista Simone Attard. Il- preżentazzjoni tmexxiet b'rittmu minn Maria Lewis. Kellna wkoll dik il-laqta' piroteknika li ġiet ġentilment ipprovduta lilna mill-membri ħabrieka tal-kumpless tan-Nar fi ħdan is-Soċjeta' Filarmonika Santa Marija. Fil-messaġġ ta' l-okkażjoni li għamel il-Profs. Guido de Marco stqarr, lid-diskorsi sbieħ li jsiru f'okkażjonijiet partikolari jiġu apprezzati dak il-ħin u x'aktarx li wara ftit jintesew. U kompla, li l-kitba, il-pittura, l-iskultura u kull xogħol artistiku ieħor "non omnis moriar" (mhux kollox imut), fejn jibqa' jitgawda wara li jgħaddu ħafna snin

## BUST U WIRJA

Fi tmiem din is-serata wisq sinifikattiva ġie mikxuf il-bust ta' Wistin Camilleri, xogħol ibnu stess, il-Kavallier Alfred Camilleri Cauchi u ġie mbierka mill-Arċisqof Emiritus Mons. Ġużeppi Merċieca. Wara, ġiet miftuħa uffiċjalment esebizzjoni artistika li fiha kien hemm għall-wiri xi jħud mill-opri sagri li ħadem Wistin għall-Parroċċa tal-Mosta flimkien ma' xogħlijiet oħra ta' preġju li jinsabu f'għadd ta' bliet u rħula Maltin u Għawdxin. Minn naħa tiegħu l-President ta' l-Għaqda Joe Bartolo, irringrazzja lil kull min kien involut f'dawn l-inizzjattivi, fejn b'mod speċjali esprima l-gratitudni tiegħu u tal-Kumitat lejn il-membri kollha tal-familji Camilleri Cauchi u lill-Arċipriet tal-Mosta Rev. Dun Mario Tong għall-Koperazzjoni sħiħa tagħhom.

## WISTIN CAMILLERI

Wistin twieled ir-Rabat Għawdex u kien l-izgħar fost seba' ulied. Ta' 22 sena mar jistudja Ruma fl-"Accademia di San Luca". Fl-1909 fetaħ l-istudju tiegħu fir-Rabat, minn fejn baqa jaħdem fih sa mewtu. Dan l-istatwarju msemmi li minnu stagħniet l-arti Maltija jibqa' magħruf għal numru kbir ta' Kurċifissi li ħadem u għal bosta statwi tal-Ġimgħa l-Kbira u statwi oħra tal-Kartapesta li jinsabu jsebbħu lil diversi knejjes fil-gżejjer tagħna. Għan-Naxxar, ħadem dak li hu meqjus bħala l-kapolavur tiegħu, jiġifieri l-vara tat-tradiment ta' Ġuda, meta diġa' kellu disgħin sena. Waqt li għall-Mosta ħadem mil-korp ta' Kristu mejjet flimkien ma' tmien anġli li jagħmlu sehem sħiħ mill-Monument famuż tal-Ġimgħa l-Kbira. Għall-iskultura tal-Bażilka tal-Madonna ta' Pinu, ipprepara ma' l-1900 disinn differenti. Il-fama tiegħu xterdet ukoll barra min xtutna. Għal ħidmietu kien onorat bit-titlu "Pro Ecclesia et Pontifice" mill-Papa Pawlu VI. Ġie mogħti wkoll it-titlu ta' Kommendatur mill-Ordni



1



2

tal-Kavallieri ta' San Ġwann. Fl-1936, Wistin iżżewweġ lil Frances Cauchi u kellhom sitt ulied, Paul, Alfred, Mario, Michael, Josephine u Cathrine.

## WIRJA UNIKA

Hi l-għaxqa tagħna, meta jkollna okkażjonijiet ta' din ix-xorta li fihom infakkru persuni li jkunu taw il-kontribut siewi tagħhom lis-soċjeta' u li ngħiduha kif inhi, din l-istess soċjeta' ma tantx tkun esprimiet lejhom sens ta apprezzament u gratitudni! Għax verament nemmnu li dawn in-nies ħaqqhom għarfien aħjar, minn żmien għal ieħor, intellgħu taħditiet, serati letterarji u esebizzjonijiet li fihom nixħtu dawl ġdid fuq dawk li jkunu ħadmu qabilna b'risq l-arti, il-letteratura u l-kultura ta' art twelidna. Lejn tmiem is-sajf, l-Għaqda sellmet u tgħat gieħ misthoqq lil Esprit Barthet (1919-1999) u Antoine Camilleri (1922-2005). Kien is-Sibt 12 ta' Settembru meta l-E.T. Dr. Ugo Mifsud Bonniċi – President Emeritus, fetaħ uffiċjalment wirja stupenda li fiha inagħtat titwila lejn xi wħud mill-aqwa xogħlijiet ta' dawn iż-żewġ artisti Beltin ta' isem li kisbu suċċess fil-qasam ta' l-arti kontemporanja f' pajjiżna. Il-Kwadri ta preġju artistiku mill-aktar għoli, ġew miġjuba għall-ammirazzjoni tal-pubbliku minn kollezzjoni

privata. "Dawn iż-żewġ artisti kbar, prolifiki u protagonisti ewlenin fix-xena artistika Maltija matul is-seklu għoxrin, wara mewthom saru leġġenda. It-timbru ndividwali tagħhom li ħallew fl-arti ta' pajjiżna hu destinat li jibqa' għal dejjem". Dan kien kumment li għaddieh l-E.T. Dr. Ugo Mifsud Bonniċi nnifsu waqt id-diskors ta' l-okkażjoni. L-Arċipriet Dun Mario Tong bierek din l-esebizzjoni unika. Minn naħa tal-kumitat amministrattiv, il-Viċi President ta' l-Għaqda, Louis Vassallo filwaqt li tkellem dwar l-aħħar impenji u żviluppi fi ħdan it-Talent Mosti, radd ħajr f'isem il-President u l-membri għall-familjari u l-qraba ta' dawn iż-żewġ artisti wisq għeżież, talli għoġobhom jilqgħu l-istedina sinċiera tagħna u b'hekk onorawna bil-preżenza tagħhom. Hu rringrazzja wkoll lil dik il-familja partikolari li tagħha l-kwadri esebiti huma propjeta', tal-fiduċja assoluta li wriet fina. Alexandra Camilleri kellha f'idejha t-tifsila tal-programm.


3

## ESPRIT BARTHET

Ismu jibqa' marbut ma' dawk il-"portraits" u li għalihom, kien kiseb fama kbira. Hu speċjalizża ruħu sew f'dan il-qasam fejn pitter Prim Ministri, Imħallfin, Isqfijiet, Ambaxxaturi u personalitajiet barranin. Barthet kien għalliem ta' l-arti f'diversi skejjel u kulleġġi. Meta kien għadu student, hu studja fil-"Liceo Umberto Primo", fi "Flores Collage", fir-"Regia Accademia di Belle Arti" ta' Ruma u f' "Bath Academy" fir-Renju Unit. Hu għandu ukoll xogħlijiet b'tema sagra u li jinsabu jsebbħu bosta knejjes Maltin. Barthet laħaq il-quċċata tiegħu meta żviluppa l-kompożizzjonijiet magħrufa bħala "Rooftops". Dan l-esperiment bl-astratt bdieh fis-snin 50, fejn fit-tmeninijiet tas-seklu l-ieħor, ħalla timbru personali fl-arti tiegħu. Hu kien ġie maħtur Kavallier tar-Repubblika Taljana u kif ukoll Kavallier ta' l-Ordni ta' San Ġwann ta' Gerusalem. Barthet kien ukoll membru onorarju fil-"Fondazione Fra Poeti, Scrittore, Pittori, e Giornalisti per la Pace nel Mondo" ġewwa Bern fl-Izvizzera. Fl-1944, hu kien iżżewweġ lil Therese Borg u kellhom sitt ulied, Joseph, Alfred, Mario, Odette, Doreen u Louise.

## ANTOINE CAMILLERI

Hu studja l-arti f' Pariġi ġewwa l-"Ecole Nationale des Beaux Arts", f' "Bath Academy" fl-Ingilterra u fl-Italja ġewwa l-"Accademia Pietro Vannucci" ta' Peruġja. Antoine Camilleri għallem l-arti fi ħdan



id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, fejn fl-1979 ġie maħtur bħala uffiċjal edukattiv għall-arti u s-snajja'. Il-wirjiet tiegħu f'Malta kienu frekwenti waqt li esebixxa wkoll f'Pariġi, Londra, Edinburgh, New York, Frankfurt, Tripli u f'Venezja. Dan l-artist impenja ruħu sew b'rabta kontinwa ta' proċess introspettiv u ta' esperimentazzjoni. Kienu diversi l-unuri u l-kompetizzjonijiet mirbuħa minnu kemm f pajjiżna u kif ukoll 'il barra minn xtutna. Ma setax jonqos li dan l-artist ma jieħux sehem ukoll f' diversi esebizzjonijiet kollettivi kemm lokalment u kif ukoll f'pajjiżi oħra. Fl-1996, Antoine Camilleri ġie mogħti l-Midalja għall-Qadi tar-Repubblika. Hu kien miżżewweġ lil Therese Tanti u kellhom ħames ulied, Gerald, Pierre, Antoine-Paul, Marielle u Marthese. Kienu jispikkaw fih it-tjubija u s-sinċerita' fejn il-kulur favorit tiegħu l-vjola, kien joħorġu għad-dawl anki fl-ilbies personali tiegħu.

## IL-VALURI

Dawn it-tlett artisti kbar, ulied din l-art li tatna isimha, sa minn bosta snin ilu kienu fehmu li l-poplu Malti għandu għaliex le, jiddistingwi ruħu bħala ġens li għandu l-ħiliet kreattivi tiegħu fid-diversi oqsma tal-ħajja, inkluż dawk artistiċi. Inizzjattivi bħal dawn fejn jingħata rikonaxxament pubbliku lil dawk li qabilna ħabirku biex titkattar u tisseddaq l-arti f'art twelidna, jixprunaw lil Talent Mosti sabiex b'aktar determinazzjoni juri fil-beraħ il-valuri li jagħmluna dak li fil-fatt aħna. Kburin b'pajjiżna, kburin b'ilsienna, kburin bil-kult Nisrani li lkoll flimkien, jgħollu 'l fuq l-identita' Nazzjonali ta' kull wieħed u waħda minna.

**Referenzi**


1. Michael J. Schiavone "Dictionary of Maltese Biographies – Vols. 1 and 2" (Malta 2009).
2. Script tas-Serata Mużiko – Letterarja f'ġieħ Wistin Camilleri u script tal-programm fl-okkażjoni ta' ftuħ ta' wirja f'ġieħ Esprit Barthet u Antoine Camilleri.
3. Minuti tas-Seduti tal-kumitat ta' l-Għaqda Filantropika Talent Mosti.


**Ritratti**

1. Il-mistiedna distinti għas-serata f'ġieħ Wistin Camilleri li fost l-oħrajn kienu preżenti l-Arċisqof Emiritus Mons. Gużeppi Merċieca, l-Arċipriet Dun Mario Tong u l-President Emeritus Dr. Guido de Marco. (ritratt: Mario Vassallo)
2. Żewġ opri sagri li ħadem Wistin Camilleri u li kienu esebiti fir-Razzett tal-Markiz matul Lulju 2009. (ritratt: Mario Vassallo)
3. Biċċa xogħol artistika ta' Antoine Camilleri li kienet esebita fir-Razzett tal-Markiz, f'din il wirja unika. (ritratt: Victor B. Caruana)
4. Il-President Emeritus Dr. Ugo Mifsud Bonniċi flimkien ma' l-armla ta' Antoine Camilleri (lemin) u l-armla ta' Esprit Barthet (l-ewwel mix-xellug). Fl-isfond jidrhu żewġ kwadri ta' Esprit Barthet (ritratt: Victor B. Caruana)